MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2010

Avviz Numru. 342/2002/1

**S C Xuereb Limited**

**Vs**

**Polidano Brothers Limited, Steel StructuresCompany Limited u Raymond Gatt, bhala stralcarju appuntat mill-Qorti tas-socjeta’ GV Xuereb Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ erbat elef, mija u erbghin lira Maltin (Lm4140) rapprezentanti tmintax-il gimgha (mill-14 ta’ Mejju 2001 sas-16 ta’ Settembru 2001) servizz ta’ Project Management Service bir-rata ta’ Lm230 fil-gimgha inkluza l-VAT skond ftehim tas-7 ta’ Mejju 2001.

Bl-ispejjez inkuzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Ottubru 2001 bl-imghaxijiet legali min-notifika ta' l-istess 25 ta' Ottubru 2001, tal-mandat kawtelatorju pprezentat kontestwalment. Il-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istralcarju Raymond Gatt nomine (fol 9 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante illi s-socjeta' GV Xuereb kienet bieghet is-sehem taghha li kellha fil-consortium lill-Polidano Brothers Limited u Steel Structures Company Limited u ghalhekk ma ghandhiex x'taqsam aktar ma dan id-dejn;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta' CV Xuereb Limited ma ingaggatx lis-socjeta' attrici imma kien 'consortium' li gie appositament ifformat ghal dan l-iskop li ghandu ikun responsabbli ghal dan il-hlas;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost anke jekk ikun hemm sentenza kontra lis-stralcarju ta' GV Xuereb Limited dan ma jikkonstitwix xi privilegg specjali u d-dejn jirrenkja mad-debituri l-ohrajn u skond il-Ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Steel Structures Company Limited (fol 14 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:

1. Illi fl-ewwel lok is-socjeta' attrici SC Xuereb Limited ma setghetx tipprocedi b'din l-istanza billi kwalsiasi servizz ta' 'project managements' li talvolta gie rez u li ghalih qed issir riferenza fl-Avviz odjern effettivament u realment gie rez mill-Perit Joseph J Xuereb personalment u mhux mill-istess socjeta' attrici.
2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess irrizultaw nuqqasijiet ta' natura serja da parti ta' min kellu jirrendi s-servizz kif ukoll fl-attwali prestazzjoni tas-servizz riferit u konsegwentement il-hlas pretiz skond l-Avviz mhuwiex dovut.
3. Bir-riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Polidano Brothers Limited (fol 15 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:

1. Illi fl-ewwel lok, l-ebda ammont ma huwa dovut lis-socjeta' attrici stante li hija ma irrendiet l-ebda servizz ta' project management lis-socjeta' eccipjenti, liema servizz semmai gie rez mill-Perit Joseph J. Xuereb personalment.
2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-servizz rez ma kienx skond kif kien miftiehem, u konsegwentement il-hlas pretiz ma huwiex dovut.
3. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk din il-Qorti tara li t-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu, in toto jew in parte akkolti, allura l-ammont dovut ghandu jkun diviz bejn is-socjetajiet konvenuti fi tlett partijiet ugwali.
4. B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-atti din il-kawza ghandu jigi rilevat hawnhekk, illi l-istess kaz kien di gja gie differit ghas-sentenza fol 134 tal-atti izda l-prolazzjoni taghha giet sospiza peress li kienu ghaddejjin trattattivi bejn il-partijiet interessati izda kif hemm verbalizzat a fol 139 tal-istess atti "avolja kien hemm promessi ta' pagament, dan qatt ma sar".

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-provi prodotti, kemm verbalment kemm permezz ta' dokumenti, il-Perit Joseph Xuereb, permezz ta' diveri "affidavits" (fol 18 u fol 83 spjega illi 'consortium' format mit-tlett socjetajiet konvenuti kien inghata l-kuntratt ta' appalt sabiex jibnu kumpless sportiv fil-Kottonera u hu kien gie mahtur, bhala direttur tas-socjeta' attrici, sabiex jaghmila ta' "project manager" skond il-kondizzjonijiet stipulati fl-istess appalt moghti mill-Gvern ta' Malta. Dwar il-hlas ghal dan is-servizz, l-attur nomine kellu jithallas direttament mill-"Joint Venture" u dan b'rata settimanali ta'

Lm230. Filfatt, il-ftehim bejn l-attur nomine u l-“joint venture” jinsab anness a fol 25 u markat Dok AA u minnu jirrisulta illi “Joseph J. Xuereb” u “John Xuereb” kienu iffirmawh “Both for & o.b.o. S.C. Xuereb Limited” (ara ukoll l-ittra a fol 32 markata Dok AB u ffirmata ukoll, minn John J. Xuereb, f’isem is-socjeta’ attrici). Fl-14 ta’ Mejju 2002, l-attur nomine kien beda jonora dan il-ftehim u baqa’ jaghmel dan, kif spjegat dettaljatament fl-istess xhieda. Pero ix-xhud sostna illi x-xoghol li kien qed jsir mill-‘joint venture’ ossija ‘consortium’ ma kienx qed jigi esegwiet skond il-programm ppreparat mix-xhud stess u approvat mis-socjetajiet konvenuti u dan minhabba nuqqasijiet da parti ta’ dawn . Inoltre hu kien ukoll jipprocessa korrispondenza mibghuta min terzi persuni u kien ukoll, hu stess, jiddatilografa korrispondenza lil terzi minhabba li qatt ma kien gie assenjat skrivan ghal dan l-iskop (ara, per esempju d-dokumenti markati AT, AV u AV, annessi mal-atti). Dwar l-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz, hu qatt ma kien irceva xi lment da parti tas-socjetajiet konvenuti. Ta’ min jinnota illi skond it-‘tender’ accettat mill-Gvern u sottomess mis-socjetajiet konvenuti, kien hemm is-somma ta’ Lm13,340 allokata sabiex tithallas lill-‘project manager’ (ara fol 28 ibid) pero, wara li kien gie mitlub il-hlas da parti tas-socjeta’ attrici ghall-perjodu bejn l-14 ta’ Mejju sal-14 ta’ Awissu 2002. Difatti, kif jidher mill-istess dokumenti esebiti, iz-zewg socjetajiet konvenuti ‘Polidano Brothers Limited’ u ‘Steel Structures Company Limited’ itterminaw ix-xoghol moghti lill-attur nomine u kellha tinzamm seduta bejn il-partijiet biex jigi diskuss is-servizz moghti mill-istess attur nomine. Izda gara li s-socjeta’ ‘GV Xurereb Limited’ waqfet milli topera minhabba diffikultajiet finanzjarji u kien gie nominat stralcarju gudizzju Raymond Gatt (ara fol 96 u dak verbalizzat a fol 119 ibid). Konsegwentement, l-attur nomine qatt ma kien thallas ghas-servizz moghti minnu. L-istess xhud specifika illi, effetivament, illi peress li z-zmien sabiex jitlesta l-progett kellu jitwal, ghar-ragunjiiet spjegati fl-istess xhieda, l-ammont akkolat sabiex bih jithallas il-‘project manager’ kien zdied b’mod proporzjonali u ‘… thallset kollha lill-‘Joint Venture’ ….” Cjononostante, l-inkarigu moghti lill-attur nomine kien gie terminat mill-‘joint venture’ allegatament ghax tilfu l-fiducja

fl-esponenti personali'". Pero l-istess attur nomine cahad dan u filfatt sostna li din it-terminazzjoni grat "… biex jiffrankaw is-salarju dovut ghal dak is-servizz".

Illi a fol 65 ibid jinsab 'affidavit' tal-Perit John Valentino, impjegat bhala 'structural Engineer' mal-Gvern ta' Malta u responsabbli ghall-bini tal-kumpless sportiv, u dan semma' illi "Il-Perit Joseph Xuereb attenda regolarment fis-Site Office tal-progett mill-18 ta' Mejju 2001 sa 14 ta' Settembru 2001 meta l-impjeg tieghu gie terminat minn Joint Venture" u "Id-Dipartiment s'issa qatt ma zamm il-pagamenti ta' Project Manager lil-Joint Venture ghal kwalunkwe raguni".

Illi, fil-fehma tal-Qorti, jinsab dokument importanti anness mal-atti a fol 103 u esebit mill-istralcarju, Raymond Gatt. Dan id-dokument, ffirmat mir-rappresentanti tas-socjetajiet konvenuti, Charles Polidano u Mark Cini/Alfred Ellul rispettivament 'Polidano Brothers Limited' u 'Steel Structures Limited' jindika, b'mod car, illi s-servizz tal-Perit Joseph Xuereb gie terminat b'effett mill-17 ta' Settembru 2001 "As a consequence of the recent developments and since the leading contractor in the joint venture is claiming liquidity problems" u filfatt gie suggerit li jsir inkontru bejn il-partijiet interressati sabiex jigu diskussi s-servizzi provduti minn "SC Xuereb Ltd", kif dan d-dokument hu indirizzat. Dan juri b'mod car li dak li allega Mark Cini a fol 73 ibid fis-sens illi l-'consortium' kien tilef fiducja fil-Perit Joseph Xuereb ma hu veru xejn.

Illi, fl-ahhar nett, jigi notat illi George Xuereb (fol 122 u fol 123 ibid) semma illi is-socjeta' "GV Xuereb Limited" kienet giet dikjarata falluta u kien sar ftehim bejn l-imsemmi stralcarju u z-zewg socjetajiet konvenuti l-ohra u dawn tal-ahhar kienu hallsu lill-istess stralcarju Lm2500 sabiex "il-Joint Venture" gdid ikun rapresentat minnhom biss u b'hekk jassumu, huma biss, ir-responsabilijiet kollha tal-'Joint Venture' gdid. Jigi rilevat illi s-socjeta' attrici ma kienitx parti minn dan il-ftehim.

Ikkunsidrat

Illi sintetizzati l-provi l-aktar rilevanti ghal dan il-kaz, jirrisulta minhom:-

a) in rigward l-eccezzjoijiet sollevati minn Raymond Gatt, fil-kwalita tieghu ta' stralcarju jigi rilevat illi l-fatt illi s-socjeta' rappresentata minnu kienet bieghet is-sehem taghha li kellha fil-'consortium' liz-zewg membri l-ohra hu irrilevanti ghal dan il-kaz peres li kienet 'res inter alieas acta' u ma ghandux jkollu xi impatt fuq it-talba in esami. Ghalhekk, it-tlett membri tal-'consortium' ghandhom jigu kunsiderati bhala ugwalment responsabbli ghal xi hlas li jigi ordnat u dan fi kwota ta' terz (1/3) kull wiehed u filfatt '… d-dejn jirrenkja mad-debituri l-ohrajn u skond il-ligi'.

b) In rigward l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta 'Steel Structures Company Limited', irrizulta, b'mod car, illi l-ftehim ta' project manager sar mas-socjeta' attrici u illi s-servizz moghti mill-istess socjeta' attrici permezz tal-Perit Joseph Xuereb bl-ebda mod ma gie rez kif qed tallega l-istess socjeta anzi jidher li kien gie esegwit b'mod professjonali u gie terminat, biss, minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja tas-socjeta' 'GV Xuereb Limited'.

c) Dwar l-eccezzjonijiet tas-socjeta' 'Polidano Brothers Limited', dawn kollha kemm huma, di gja gew konsiderati mill-istess Qorti, kif jirrisulta minn dak li ghadu kemm gie premess.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk it-talba attrici ghanda tigi akkolta, kollha kemm hi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lit-tlett socjetajiet konvenuti sabiex jhallsu lil dik attrici s-somma ta' Lm4140 ossija €9643.61 bl-imghax legali mill-25 ta' Ottubru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Ottubru 2001 tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tat-23 ta' Mejju 2002.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------